IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 38 final

ANNEX 18

# ANNESS

# MALTA

***għar-rapport***

**tal-UE Kontra l-Korruzzjoni**

**---**

# *MALTA*

## 1. DAĦLA — IL-KARATTERISTIĊI EWLENIN U L-KUNTEST

### *Il-qafas kontra l-korruzzjoni*

**Approċċ Strateġiku.** Fl-2008, Malta adottat Strateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni, li timmira lejn l-istabbiliment ta' qafas normattiv, istituzzjonali u operattiv, li jirrifletti r-rekwiżiti lokali u l-obbligi internazzjonali. L-istrateġija ġiet abbozzata mill-Unità ta' Monitoraġġ tal-Ġestjoni tal-Finanzi tal-Ministeru tal-Finanzi u mid-Direttorat tal-Investigazzjonijiet tal-Awditajr Intern, nominat bħala l-korp ta' implimentazzjoni għall-istrateġija. Id-dokument kellu erba' għanijiet ewlenin: il-bini ta' kapaċità, il-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni nazzjonali u dik internazzjonali. Il-Ministeru tal-Finanzi bħalissa qed jaġġorna l-istrateġija. Madankollu, diversi oqsma politiċi ġibdu l-attenzjoni minħabba l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni. Dehru wkoll xi vulnerabbiltajiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-fondi pubbliċi mill-kunsilli lokali u l-ħruġ ta' permessi għall-bini u l-iżvilupp tal-artijiet.[1] Ir-riformi li diġà saru biex jindirizzaw dawn l-oqsma huwa żvilupp inkoraġġanti iżda għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-effikaċja tagħhom. Allegazzjoni ta' korruzzjoni wasslet għar-riżenja tal-Kummissarju Ewropew ta' Malta fl-2012 kompliet tintensifika d-dibattitu dwar il-korruzzjoni fil-politika Maltija.

**Il-qafas ġuridiku.** Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-korruzzjoni, b'mod speċjali dawk introdotti aktar reċentement, bħall-offiżi ta' tixħim internazzjonali, tixħim fis-settur privat u l-eżerċitar tal-influwenza għall-qligħ huma konformi mal-Konvenzjoni dwar il-Liġi Kriminali tal-OECD dwar il-Korruzzjoni. Id-definizzjoni ta' uffiċjali pubbliċi hija wiesgħa biżżejjed, li tinkludi l-ħaddiema taċ-ċivil b'setgħat delegati.[2] L-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fih kodiċi ta' etika applikabbli għall-impjegati pubbliċi.[3] L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jimmira lejn il-promozzjoni tat-trasparenza u r-responsabbiltà fit-tmexxija.[4]

**Qafas istituzzjonali.** Il-Parlament stabbilixxa Kumitat Magħżul dwar it-Tisħiħ tad-Demokrazija fl-2008 biex jikkunsidra t-trasparenza u r-responsabbiltà, il-finanzjament pubbliku tal-partijiet politiċi, u l-kunflitti ta' interessi tal-Membri tal-Parlament, tas-segretarji parlamentari u tal-ministri.[5] L-Unità kontra l-Kriminalità Finanzjarja tal-Forza tal-Pulizija ta' Malta stabbilita fl-1987, tinvestiga r-reati ta' korruzzjoni u tipproduċi statistika annwali dwar l-investigazzjonijiet tagħha. L-uffiċjali tal-pulizija huma soġġetti għal regoli dixxiplinarji u kodiċi ta' etika applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi kollha. L-Unità ta' kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni fid-Dipertiment tal-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet (IAID) jeżamina l-attivitajiet tal-gvern u jipprovdi servizzi finanzjarji investigattivi interni, separati mill-investigazzjonijiet kriminali.[6] L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) għandu mandat li jippromwovi r-responsabbiltà tal-uffiċjali pubbliċi u li

---

1 Fl-2012, eks-sindku instab ħati li aċċetta tixħima u ġie kkundannat għal sena ħabż.

2 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3(2009)2_Malta_One_EN.pdf.

3 Il-Kapitolu 497, l-Ewwel Skeda. http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8963.

4 Il-Kapitolu 496, http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8962

5 http://www.parlament.mt/selectcommittee.

6 Id-Direttorat tal-Investigazzjonijiet u tal-Awditjar Intern iwettaq l-awditjar intern u d-Direttur tiegħu jipprovdi rapport lis-Segretarju Permanenti li taħt is-superviżjoni tiegħu taqa' l-entità li qed tiġi vverifikata. Fi żmien xahar mill-wasla ta' rapport bħal dan, is-Segretarju Permanenti jrid jagħti l-istruzzjonijiet lill min tkun qed issirlu l-verifika biex jirrimedja kwalunkwe nuqqas u jinforma lid-Direttur kif xieraq. Id-Direttur jagħmel ir-rapporti ta' segwitu. Kwalunkwe suspett ta' rregolarità jew frodi jrid jiġi referut lid-Direttur u jekk id-Direttur ikun tal-opinjoni li l-irregolarità tikkostitwixxi reat kriminali, huwa obbligat jinforma lill-Avukat Ġenerali. Jekk min-naħa l-oħra, l-irregolarità tkun ta' natura amminstrattiva, id-Direttur irid jinforma lis-Segretarju Permanenti dwar min tkun qed issirlu l-verifika. Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, id-Direttur u l-uffiċjali tad-Direttorat ma jkunux soġġetti għall-ebda influwenza diretta jew indiretta jew kontroll minn min tkun qed issirlu l-verifika u dawn ma jistgħux jinfluwenzaw jew jinkontrollaw lil dan tal-aħħar. L-Awditjar Intern u l-Bord tal-Investigazzjonijiet jissorveljaw il-ħidma tad-Direttorat u jissalvagwardjaw l-indipendenza tagħha. Il-Kapitolu 461 tal-Liġijiet ta' Malta. Leġiżlazzjoni Sussidjarja 461.02.

jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tar-riżorsi pubbliċi. Għandu aċċess għad-dokumenti u r-rekords kollha relatati mal-kontijiet tal-korpi awditjati.[7] Madankollu, l-istituzzjonijiet investigattivi jiffaċċjaw ostakoli fil-ġbir ta' evidenza bħax-xhieda tax-xhud, u ta' sikwit jistrieħu fuq il-pulizija biex imexxu l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni. Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC) u l-Ombudsman ukoll għandhom rwol, kif deskritt fis-sezzjoni sussegwenti ta' dan il-kapitolu.

### *L-Opinjoni Pubblika*

**Stħarriġiet ta' perċezzjoni**. Fl-Istħarriġ tal-Ewrobarometru Speċjali tal-2013 dwar il-korruzzjoni, 83 % ta' dawk li wieġbu jqisu l-korruzzjoni bħala problema mifruxa ma' kullimkien f'Malta (il-medja tal-UE hija ta' 76 %) u 29 % jħossuhom affettwati minnha fil-ħajja ta' kuljum (il-medja tal-UE hija ta' 26 %) 53 % jgħidu li l-korruzzjoni hija l-aktar mifruxa fost l-uffiċjali li joħorġu l-permessi għall-bini (il-medja tal-UE hija ta' 43 %).

**L-Esperjenza tal-korruzzjoni**. Skont l-Ewrobarometru Speċjali tal-2013, 2 % ta' dawk li wieġbu ġew mitluba jew kienu mistennija jħallsu tixħima fit-12-il xahar li għaddew (il-medja tal-UE hija ta' 4 %).

**Stħarriġiet kummerċjali.** Fl-istħarriġ kummerċjali tal-Ewrobarometru, 43 % tal-kumpaniji li kkompetew għal kuntratti pubbliċi fl-aħħar tliet snin jgħidu li l-korruzzjoni żammithom milli jirbħu (il-medja tal-UE hija ta' 32 %).[8] Il-Maltin li wieġbu mis-settur kummerċjali jikkunsidraw il-prattiki li ġejjin bħala mifruxa ma' kullimkien fl-akkwist pubbliku: l-involviment ta' offerenti fit-tfassil ta' speċifikazzjonijiet (48 %), l-għażla jew il-valutazzjoni ta' kriterji mhux ċari (48 %), il-kunflitti ta' interessi fil-valutazzjoni tal-offerti (58 %), l-ispeċifikazzjonijiet imfassla apposta għal kumpaniji partikolari (64 %), l-abbuż ta' raġunijiet ta' emerġenza biex jiġġustifikaw l-użu ta' proċeduri mhux kompetittivi jew rapidi (40 %) u l-offerti kollużivi (48 %). 57 % jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa ma' kullimkien fl-akkwist pubbliku ġestit mill-awtoritajiet nazzjonali (il-medja tal-UE hija ta': 56 %) u 50 % fil-każ tal-awtoritajiet lokali (il-medja tal-UE hija ta': 60 %). Dawn l-indikaturi, filwaqt li mhux neċessarjament relatati direttament mal-korruzzjoni, juru fatturi ta' riskju li jżidu l-vulnerabbiltajiet lejn il-korruzzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

### *Kwistjonijiet ta' sfond*

**L-akkwist pubbliku**. Ir-regolamenti tal-akkwist pubbliku jkopru kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet ċentrali jew lokali u l-korpi rregolati mil-liġi pubblika.[9] Id-Dipartiment tal-Kuntratti huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-proċeduri tal-akkwisti. Id-Direttur huwa megħjun mill-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u, fil-każijiet li jirrikjedu kompetenza speċjalizzata, mill-Kumitati tal-Kuntratti Speċjali. Iż-żewġ kumitati jridu jirrappurtaw kwalunkwe irregolarità misjuba fil-proċess tal-offerti, u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet rilevanti. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2013 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kunsill irrakkomanda li Malta ttejjeb l-effiċjenza u tnaqqas it-tul tal-proċedimenti ta' akkwist pubbliku.[10] L-akkwist pubbliku fil-qasam tal-enerġija ġibed l-attenzjoni minħabba kontroversja ta' korruzzjoni dan l-aħħar, u l-gvern Malti għandu pjanijiet għal riformi f'dan il-qasam. Rapport ta' Lulju 2013 mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika qajjem tħassib dwar il-kuntratti taż-żejt estiżi mill-korporazzjoni

7 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jitmexxa mill-Awditur Ġenerali maħtur mill-President li jaġixxi skont reżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti appoġġjat mill-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, l-Awditur Ġenerali mhu soġġett għall-awtorità u għall-kontroll tal-ebda persuna. Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 108(12)

8 Ewrobarometru Flash 374, 2013.

9 Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04.

10 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013/c 217/15 tad-9 ta' Lulju 2013.

ta' utilità statali tal-Enemalta u żieda fir-rati pagabbli lill-kuntrattur.[11] B'konsegwenza ta' dan ir-rapport, il-Ministru tal-Enerġija talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga l-akkwist ta' fjuwil tal-Enemalta mill-2008 'l quddiem. Il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi ddiskuta l-każ u l-gvern ħatar imħallef biex jinvestiga l-allegazzjonijiet li l-fjuwil mixtri mill-Enemalta ma kienx jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet ta' kuntratt.

**Is-settur privat.** Fl-istħarriġ kummerċjali tal-Ewrobarometru 2013, 53 % jirrappurtaw il-korruzzjoni bħala problema meta wieħed jinnegozja f'Malta (il-medja tal-UE hija ta' 43 %). Fl-Indiċi ta' Kompetittività Globali, Malta tokkupa l-41 post minn 148 pajjiż.[12] Malta ttrasponiet parzjalment id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2003/568/ĠAI li tikkonċerna r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, u kkonformat bis-sħiħ mar-rekwiżiti dwar il-korruzzjoni passiva. Il-pożizzjoni tal-liġi Maltija rigward l-inklużjoni ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ għadha mhijiex ċara.[13] Id-daqs tal-ekonomija klandestina kienet stmata għal 25,3 % tal-PDG fl-2012.[14]

**Il-kunflitti tal-interessi u l-iżvelar tal-assi.** L-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fih dispożizzjonijiet dwar il-kunflitti tal-interessi u l-aċċettazzjoni ta' rigali u ta' benefiċċji.[15] Fl-Lulju 2013, il-ministri u s-segretarji parlamentari ressqu quddiem il-Parlament id-dikjarazzjoni dwar l-assi tagħhom, wara l-kodiċi ta' etika li tapplika għalihom.[16] Madankollu, ma hemmx mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jiżgura l-konformità mal-kodiċi ta' etika għall-ministri u s-segretarji parlamentari, jew li jivverifika d-dikjarazzjonijiet. Tqajjem tħassib ukoll dwar it-"tibdil ta' persunal" ("revolving door") bejn is-setturi pubbliċi u privati, li wassal għal kunflitti potenzjali ta' interess. Il-gvern wiegħed li jistabbilixxi Kummissarju Parlamentari għall-Istandards li jkun maħtur mill-Parlament biex jimmonitorja b'mod indipendenti l-imġiba u d-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi tal-MP (inkluż il-Kabinett), kif ukoll li jwettaq investigazzjonijiet fejn xieraq.[17] Miżuri bħal dawn għandhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib li l-kwistjoni tal-kunflitt ta' interessi ma ġietx trattata b'mod suffiċjenti. Fl-Lulju 2013, il-Parlament adotta emendi biex jippermettu lill-ministri, lis-segretarji parlamentari u lill-MPs biex ikunu fuq il-bordijiet tal-gvern.[18]

**L-iżvelar tal-irregolarità (Whistleblowing)** Huwa reat kriminali li persuna tiġi vvittimizzata minħabba li żvelat prattiki illegali jew korrotti skont l-Att tal-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali.[19] L-Abbozz dwar il-Protezzjoni tal-Whistleblower daħal fis-Seħħ f'Settembru 2013. Filwaqt li japplika għas-settur pubbliku u għal kumpaniji privati kbar, dan għandu l-għan li jagħti inċentiv lill-impjegati biex jirrapportaw imġiba illeċta, inkluż min-naħa tagħhom stess.[20]

---

11 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, *ir-Rapport dwar il-Verifika ta' Prestazzjoni: Analiżi tal-Effikaċja tal-Akkwist ta' Fjuwil mill-Korporazzjoni Enemalta.* Is-16 ta' Lulju 2013. http://www.nao.gov.mt/loadfile.ashx?id=e5b06974-1496-4414-8304-cc66f270aaed

12 http://www3.weforum.org/docs/GCR2013-14/GCR_Rankings_2013-14.pdf.

13 COM(2011) 309 final, Brussell, 6.6.2011; http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/report_corruption_private_sector_en.pdf.

14 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/themes/07_shadow_economy.pdf.

15 Il-Kapitolu 497, l-Ewwel Skeda. http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8963.

16 Xi ministri emendaw sussegwentement id-dikjarazzjonijiet tagħhom. Il-Parlament ta' Malta, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari http://www.parlament.mt/codeofethics-ministers?l=1 Paper Laid No: 982 - Dikjarazzjoni ta' assi għall-2012 magħmula skont il-paragrafi 48 u 49 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari tal-Gvernijiet tal-Ħdax u t-Tnax-il Leġiżlaturi, is-17 ta' Lulju 2013 http://www.parlament.mt/file.aspx?f=42424.

17 F'Ottubru 2013, il-Parlament (il-Mozzjoni Nru 77) ħatar kumitat magħżul biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament għat-twaqqif ta' Kummissarju għall-istandards, l-etika u l-imġiba tajba fil-ħajja pubblika. Fis-16 ta' Diċembru 2013, il-kumitat magħżul ippreżenta abbozz ta' liġi. http://www.parlament.mt/file.aspx?f=45245.

18 L-Abbozz 9 tal-2013, l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Funzjonijiet tal-Membri tal-Parlament (Bosta Liġijiet) http://www.parlament.mt/billdetails?bid=431&l=1&legcat=13.

19 Il-Kapitolu 452. L-Artikolu 28. http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8918&l=1.

20 L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Whistleblower http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lp&itemid=25151&l=1.

**It-Trasparenza tal-lobbying.** Il-Lobbying mhuwiex regolat f'Malta. Ma hemm l-ebda obbligu speċifiku għar-reġistrazzjoni tal-persuni/gruppi li jippruvaw jeżerċitaw influwenza (lobbyists) jew għar-rappurtar ta' kuntatti bejn l-uffiċjali pubbliċi u l-persuni/gruppi li jippruvaw jeżerċitaw infuwenza (lobbyists). Etika ta' Kodiċi tirrikjedi lill-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti li jiddikjaraw il-konnessjonijiet tagħhom ma' persuni li għandhom interess dirett fil-leġiżlazzjoni quddiem il-Kamra.[21]

## 2. KWISTJONIJIET FOKALI

### *Il-finanzjament tal-partiti politiċi*

It-trasparenza tal-finanzjament politiku hija kważi ineżistenti f'Malta.[22] Fl-istħarriġ kummerċjali tal-Ewrobarometru 2013, Malta għandha t-tieni l-ogħla perċentwal (44 %) ta' kumpaniji li huma tal-fehma li l-finanzjament tal-partiti politiċi bi skambju għall-kuntratti pubbliċi jew influwenza fuq it-tfassil ta' politika hija prattika mifruxa. Ma japplikaw l-ebda regoli speċifiċi rigward il-finanzjament tal-partijiet politiċi. Jistgħu jsiru donazzjonijiet anonimi lill-partijiet politiċi u għall-kampanji elettorali, ikun xi jkun l-ammont, mingħajr restrizzjoni. Kull partit rappreżentat fil-parlament jirċievi EUR 100 000 fis-sena bħala għotja diretta biex jiżviluppa r-relazzjonijiet internazzjonali. Dan hu l-uniku finanzjament pubbliku għall-partiti politiċi minbarra l-appoġġ dirett bħall-eżenzjoni mit-taxxa u l-aċċess għall-midja. In-nefqa tal-partiti mhux limitat. Il-limiti fuq in-nefqa tal-kandidati huma baxxi (EUR 1 400) u r-rapporti mill-kandidati ta' sikwit jitqiesu bħala li ma jirriflettux ir-realtà, filwaqt li jiġġeneraw il-kunfużjoni dwar jekk id-donazzjonijiet lill-kandidati humiex rapportati u dwar x'jgħodd bħala donazzjoni għal dawn il-finijiet.[23] Malta għandha nuqqas ta' rekwiżiti tal-kontabilità kif jixraq għall-partiti politiċi u l-kampanji elettorali kif ukoll rekwiżiti għall-pubblikazzjoni ta' kontijiet li jkunu jippermettu skrutinju pubbliku. Il-Kummissjoni Elettorali hija magħmula minn membri maħtura miż-żewġ partiti politiċi ewlenin u hija għalhekk ikkunsidrata bħala nieqsa mill-indipendenza.[24]

In-nuqqas ta' leġiżlazzjoni f'dan il-qasam ilu żmien ikun is-suġġett ta' dibattiti f'Malta u l-Grupp ta' Stati tal-Kunsill Ewropew kontra l-Korruzzjoni (il-GRECO) enfasizza dan bħala nuqqas.[25] Huwa rrakkomanda r-reviżjoni tal-limiti ta' infiq għall-kandidati tal-elezzjoni u l-introduzzjoni ta' rekwiżit ġenerali għall-partiti politiċi u l-kandidati tal-elezzjoni biex jiġu żvelati d-donazzjonijiet individwali kollha (inklużi dawk ta' natura mhux monetarja) 'il fuq minn ċertu limitu flimkien mal-identità tad-donatur. Il-GRECO rrakkomanda wkoll il-projbizzjoni ta' donazzjonijiet anonimi u l-ħtieġa li l-partijiet politiċi jżommu l-kotba u l-kontijiet kif suppost, u li dawn għandhom jiġu rrappurtati f'intervalli kif xieraq b'mod koordinat u vverifikati b'mod indipendenti. Irrakkomanda wkoll il-monitoraġġ indipendenti tal-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.[26] Abbozz tal-Att għall-Partiti Politiċi indirizza parzjalment biss dawn ir-rakkomandazzjonijiet, iżda l-Att ma kienx adottat.[27] Abbozz ta' liġi f'Jannar 2012 ta' membru privat biex jirregola din il-formazzjoni, l-istrutturi ta' ġewwa, il-funzjonament u l-finanzjament tal-partiti politiċi u s-sehem tagħhom fl-elezzjonijiet

---

21 Il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti. http://www.parlament.mt/codeofethics-mp?l=1.
22 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3%282009%292_Malta_Two_EN.pdf il-punt 65.
23 Il-paragrafu 61. http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3%282009%292_Malta_Two_EN.pdf.
24 Skont l-Artikolu 60 tal-Kostituzzjoni, il-membri tal-Kummissjoni Elettorali jinħatru mill-President, li jaġġixxi f'konformità mal-parir tal-Prim Minitru, mogħti wara li jkun ikkonsulta l-Kap tal-Oppożizzjoni. "Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont din il-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni Elettorali m'hijiex suġġetta għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' persuna jew ta' awtorità oħra". http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8566.
25 Il-Grupp ta' Stati tal-Kunsill Ewropew kontra l-korruzzjoni (2011) *Niġġieldu l-Korruzzjoni: Il-Finanzjament Politiku: Reviżjoni tematika tat-Tielet Rawnd ta' Evalwazzjoni tal-GRECO.* Strasburgu: GRECO, 57212, pp. 9-10, il-paragrafu 14. http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/general/DOUBLET_EN.pdf.
26 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3%282009%292_Malta_Two_EN.pdf.
27 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoRC3%282011%2911_Malta_EN.pdf.

skada awtomatikament bid-dissoluzzjoni tal-Parlament f'Jannar 2013. Il-gvern bħalissa qed jagħmel abbozz ta' verżjoni ġdida li l-għan tagħha hu li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO.

### *Il-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni*

Barra mill-prosekuzzjoni b'suċċess ta' xi każijiet mill-pulizija, organizzazzjonijiet oħra ffaċċaw sfidi fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet komprensivi minħabba li għandhom nuqqas ta' mezzi, setgħat jew riżorsi. L-Ombudsman jirrapporta lill-Kamra tar-Rappreżentanti iżda r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha mhumiex vinkolanti.[28] Id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet u tal-Awditjar Intern iwettaq investigazzjonijiet finanzjarji ta' suspetti ta' korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi iżda ma għandux is-setgħa jwettaq investigazzjonijiet kriminali. Il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC), kumitat parlamentari permanenti, jista' jistaqsi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex jinvestiga u jirrapporta lura iżda dan għandu nuqqas ta' persunal u jinsab affaċċat bl-isfida ta' xiehda li mhux qed jikkooperaw. Il-Kumitat għandu sa seba' membri, magħżula biex jirrappreżentaw b'mod ġust il-proporzjon tal-membri tal-oppożizzjoni. Jekk il-Kumitat jissuspetta reat kriminali, is-sejbiet huma rappurtati lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni.[29]

Flimkien ma' dan, in-nuqqas ta' proċeduri stabbiliti għall-iżgurar ta' koordinazzjoni effiċjenti bħala tweġiba għall-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni jirrendi l-istituzzjonijiet aktar soġġetti għad-diskrezzjoni eżekuttiva, li tirriżulta f'inkonsistenzi fit-trattament ta' każijiet simili. F'okkażjoni partikolari, il-gvern talab lin-NAO jinvestiga l-irregolaritajiet possibbli fl-għoti ta' kuntratt għall-estensjoni ta' impjant tal-enerġija (power station). L-NAO ma għandux is-setgħat meħtieġa biex imexxi investigazzjoni bħal din quddiem xiehda prinċipali mingħajr ħeġġa.[30] Il-gvern mhuwiex marbut li jsegwi l-konklużjonijiet tal-Awditur. F'okkażjoni oħra, il-gvern talab lill-pulizija biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' akkwist fi sptar, li rriżulta f'sentenza ta' ħabs għat-tfassil tar-rapport li kien jindika korruzzjoni.[31]

L-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni tal-2008 pprevediet l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Koordinazzjoni li jkun jikkonsisti minn rappreżentanti mill-awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jkun jirrieżamina l-mekkaniżmi eżistenti biex jidentifika d-distakki fil-koordinazzjoni.[32] La l-Kumitat u lanqas l-IAID, li huwa l-korp implementattiv għall-istrateġija, ma jidhru li għandhom rwol ta' koordinazzjoni interna. Barra mill-każijiet fejn il-pulizija jew xi aġenzija nedew l-investigazzjonijiet tagħhom stess, hija wkoll prattika komuni li l-ministri jassenjaw aġenzija partikolari jew il-pulizija b'investigazzjoni, mingħajr linji gwida standard għal din id-deċiżjoni. Alternattivament, ministru jista' jaħtar maġistrat jew kummissjoni *ad hoc* biex tmexxi inkjesta.[33] Dawn l-għażliet jirrikjedu wkoll diskrezzjoni ministerjali fil-ħatra tal-membri tal-kummissjoni *ad hoc* u l-istabbiliment tal-mandat tiegħu.

Il-ġudikatura Maltija gawdiet tradizzjonalment minn fiduċja u kreditu. Teżisti kodiċi ta' etika għall-Ġudikatura u l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha l-awtorità li

---

28 L-Ombudsman jinvestiga u jsib soluzzjoni għall-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-korpi pubbliċi, u jikkontribwixxi għal titjib fil-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika. http://www.ombudsman.org.mt/index.asp?pg=missionstatement.

29 L-Artikolu 120E tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

30 Il-Manifest Elettorali tal-gvern il-ġdid li tela' f'Marzu 2013 iwiegħed li jżid is-setgħat investigattivi tal-Awditur Ġenerali speċjalment fir-rigward ta' xiehda mhux kooperattivi u li possibbilment jintużaw tali setgħat ukoll biex jinfetħu mill-ġdid każijiet tal-imgħoddi li ma setgħux ikunu aktar investigati minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tax-xhieda.

31 L-investigazzjonijiet min-NAO jew minn oħrajn ma jipprekludux il-pulizija milli jwettqu l-investigazzjoni tagħhom jew milli jħarrku persuni supettati.

32 L-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (National strategy against fraud and corruption), pp. 39-41.

33 L-Att dwar l-Inkjesti (Inquiries Act), il-Kaptiolu 273. http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8763.

tinfurzaha.[34] Madankollu, każ prominenti ta' tixħim fl-2002 ħassar din l-istampa pożittiva. Eks Prim Imħallef u eks imħallef fl-istess Qorti ta' Appell, instabu ħatja li aċċettaw tixħim bħala ħlas għat-tnaqqis ta' sentenza ta' traffikant tad-droga kkundannat. It-tnejn ingħataw piena ta' ħabs.

Is-sistema għall-iżgurar tal-integretà fil-ġudikatura tirrikjedi aktar attenzjoni mill-qrib, kif indikat fil-każ ta' mħallef u l-maġistrat li rrifjuta li jirriżenja mill-Kumitat Olimpiku ta' Malta wara li l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ordnatlu li jagħmel dan.[35] Il-kwistjoni qajmet dibattitu usa dwar l-integretà u l-kunflitti ta' interessi fil-ġudikatura, u rieżami possibbli tal-mekkaniżmu ta' ħatra preżenti li permezz tiegħu il-President, filwaqt li jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru, jaħtar persuni f'konformità ma' ċerti kriterji bażiċi bl-għażla li jikkonsultaw il-Kummissjoni għall-Amminsitrazzjoni tal-Ġustizzja.

F'Mejju 2013, il-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika tas-Sistema Ġudizzjarja ("il-Kummissjoni tar-Riforma") issuġġeriet l-istabbiliment ta' Kummissjoni għall-Ħatriet Ġudizzjarji (li jridu jinħatru mill-President) biex tirrakkomanda lill-gvern il-ħatra jew il-promozzjoni tal-membri tal-ġudikatura, fuq il-bażi ta' kriterji kwalitattivi inkluża l-integrità, soġġetta għal sejħa għall-applikazzjonijiet, segwita minn kompetizzjoni li tikkonsisti minn eżamijiet bil-miktub u orali li għandhom isiru fil-pubbliku.[36] Kummissjoni Dixxiplinarja Ġudizzjarja separata (li trid tinħatar ukoll mill-President) teżamina l-każijiet ta' pieni jew ta' tneħħija ta' membri tal-ġudikatura. Il-ġudikatura topponi dawn il-proposti billi jmorru lil hinn mit-termini ta' referenza tal-Kummissjoni ta' Riforma. Skont il-ġudikatura, dawn il-proposti jkunu jiksru l-indipendenza ġudizzjarja. Minflok, il-ġudikatura tħeġġeġ l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja biex tieħu l-inizjattiva, aktar milli l-istennija għat-tressiq ta' mozzjoni ta' tneħħija quddiem il-Parlament.[37] Il-Kummissjoni tar-Riforma ppubblikat ir-rapport finali tagħha f'Novembru 2013.[38]

Il-GRECO rrakkomanda t-tneħħija ta' ċerti diskrepanzi fil-liġi Maltija bħal pereżempju pieni aktar ħorox għal attentat ta' tixħim aktar milli għat-tixħim attwali.[39] Huwa rrakkomanda wkoll iż-żieda fil-penali għall-eżerċitar tal-influwenza (waħda mill-akkużi kontra l-eks Prim Imħallef) u emendi riċenti tal-Kodiċi Kriminali żiedu l-penali kif xieraq għall-eżerċitar tal-influwenza b'mod sostanzjali.[40] Il-pieni għall-imħallfin żdiedu wkoll.[41] Barra minn hekk, l-emendi neħħew il-preskrizzjonijiet ta' żmien għall-abbuż mill-kariga minn ministri, segretarji parlamentari, MP, sindki, kunsilliera lokali u dawk kompliċi magħhom.[42]

Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC), entità speċjalizzata li tittratta esklussivament l-investigazzjoni ta' allegazzjoni jew suspett ta' prattiki ta' korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, ġiet stabbilita fl-1988[43] u tikkonsisti minn President u minn żewġ membri maħtura mill-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, mogħti wara

34 Meta mitluba mill-Prim Ministru, il-Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja tagħti pariri dwar il-ħatra tal-imħallfin u l-maġistrati. Il-Kummissjoni tiddeċiedi wkoll jekk hemmx każ *prima facie* li jiġi denunzjat imħallef jew maġistrat meta titressaq mozzjoni għal denunzja fil-Parlament.

35 Madankollu, l-imħallef iddeċieda li ma jerġax jikkontesta għall-president tal-kumitat Olimpiku meta jiskadi l-mandat tiegħu. Il-maġistrat inkwistjoni ħa l-ġurament tal-ħatra bħala mħallef f'Ġunju 2013.

36 Il-Kummissjoni għar-Riforma Ħolistika tas-Sistema Ġudizzjarja, l-Ewwel Dokument għall-Konsultazzjoni Pubblika. Mejju 2013. http://mhas.gov.mt/en/MHAS-Information/KRHG/Documents/Document%20for%20Public%20Consultation%20by%20the%20Commission%20for%20the%20Holistic%20Reform%20of%20the%20Justice%20System.pdf.

37 Il-Ġudikatura ta' Malta, l-imħallfin u l-Maġistrati jippreżentaw il-fehmiet tagħhom. Awwissu 2013 http://www.judiciarymalta.gov.mt/newsdetails?id=90.

38 https://opm.gov.mt/en/krhg/Documents/Rapport%20Finali.pdf.

39 L-Artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali.

40 L-Att IV tal-2013, fis-seħħ minn Ġunju 2013. Il-piena għall-eżerċitar tal-influwenza għall-qligh żdiedet minn 3-18 il xahar għal 3-6 snin.

41 L-Artikolu 117 tal-Kodiċi Kriminali.

42 L-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.

43 L-Att XXII tal-1988.

konsultazzjoni mal-mexxej tal-oppożizzjoni. Skont il-liġi, fl-eżerċitar tal-funzjonijet tagħha, il-PCAC mhijiex soġġetta għad-direzzjoni jew għall-kontrol ta' kwalunkwe persuna jew awtorità oħra.[44] Il-President tal-PCAC jrid ikun maġistrat jew avukat kurrenti jew preċedenti u l-membri ma jistgħux iservu bħala membri parlamentari jew ministri. Il-President u l-membri jinħatru għal ħames snin u ma jistgħux jitneħħew mill-kariga tagħhom għajr meta ma jkunux jistgħu jaqdu dmirijiethom minħabba nuqqas ta' saħħa. Il-PCAC tista' tinvestiga l-kondotta ta' kwalunkwe uffiċjal pubbliku, inklużi l-ministri, s-segretarji parlamentari, kif ukoll il-prattiki u l-proċeduri tad-dipartimenti tal-gvernijiet, l-awtoritajiet lokali, il-korpi statutorji jew korpi oħra li fihom il-gvern għandu interest ta' kontroll jew kontroll effettiv. Il-PCAC tagħti wkoll struzzjonijiet, pariri u tgħin lill-ministri u lil uffiċjali oħra fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Il-PCAC tmexxi investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħha stess jew wara rapporti li jaslulha minn persuni oħra u li jkunu kkonfermati b'ġurament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ttella' x-xhieda, li titlob fajls jew evidenza dokumentarja u li tfittex l-għajnuna tal-pulizija.[45]

L-istruttura istituzzjonali tal-PCAC ġiet ikkritikata. Minbarra li hija nieqsa mir-riżorsi (b'baġit ta' EUR 84 000), il-PCAC ma tistax taħtar speċjalisti fil-kapaċità proprja tagħha matul l-investigazzjonijiet iżda trid titlob lill-Prim Ministru biex jagħmel dan.[46] Dibattitu dwar riformi possibbli għat-tisħiħ tar-rwol tagħha f'li tiġġieled il-korruzzjoni ilu għaddej snin. Fl-2007, il-GRECO diġà nnota li "kważi ħames snin wara l-adozzjoni tal-[Ewwel] Rapport ta' Evalwazzjoni, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni biex tagħti aktar setgħa lill-PCAC."[47]

F'Lulju 2013, il-Kummissjoni ta' Riforma pproponiet li l-PCAC titneħħa.[48] Skont il-Kummissjoni ta' Riforma, l-ebda waħda mill-425 investigazzjoni li twettqu mill-PCAC sa mill-ħolqien tagħha fl-1988 ma rriżultat fi proċedimenti kriminali fil-qorti. Bħala parti minn separazzjoni proposta tal-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali, il-Kummissjoni ta' Riforma ssuġġeriet li tafda l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni f'idejn Prosekutur Ġenerali, biex igawdi minn salvagwardja kostituzzjonali tal-indipendenza u biex ikun mogħni b'diviżjoni tal-investigazzjonijiet li l-PCAC m'għandhiex.[49] Jidher li l-Prosekutur Ġenerali, kif propost mill-Kummissjoni ta' Riforma, ma jkunx speċjalizzat esklużivament f'każijiet ta' korruzzjoni. Il-ġudikatura rreaġixxiet bi ftehim kawt dwar xi bidliet proċedurali u amministrattivi proposti mill-Kummissjoni ta' Riforma. Madankollu, il-ġudikatura wriet tħassib serju dwar ir-riformi istituzzjonali proposti, b'mod partikolari dwar dawk li jkunu jillimitaw il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.[50]

***L-Ippjanar ambjentali***

---

44 L-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, il-Kapitolu 326.

45 http://mhas.gov.mt/en/MHAS-Departments/Justice/Pages/Permanent-Commission-Against-Corruption.aspx.

46 Flimkien mal-PCAC, il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, il-Pulizija, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Ġudikatura llimitaw ir-riżorsi u l-persunal tagħhom.

47 Addendum għar-Rapport ta' Konformità dwar Malta (L-Ewwel Rawnd ta' Evalwazzjoni), adottat mill-GRECO fl-34 Laqgħa Plenarja tiegħu (Strasburgu, is-16-19 ta' Ottubru 2007), Greco RC-I (2005) 3E.

48 Kummissjoni dwar Riforma Ħolistika fil Qasam tal-Gustizzja, *It-Tieni Dokument għall-Konsultazzjoni Pubblika*. Lulju 2013. http://mhas.gov.mt/en/MHAS-Information/KRHG/Documents/00%20Consultation%20Document%2029%2007%2013%20Final%20Versionx.pdf Ir-rapport finali tal-Kummissjoni ta' Riforma kien ippubblikat f'Novembru 2013. https://opm.gov.mt/en/krhg/Documents/Rapport%20Finali.pdf.

49 Kummissjoni dwar Riforma Ħolistika fil Qasam tal-Gustizzja, It-Tieni Dokument għall-Konsultazzjoni Pubblika. Lulju 2013. http://mhas.gov.mt/en/MHAS-Information/KRHG/Documents/00%20Consultation%20Document%2029%2007%2013%20Final%20Versionx.pdf, pp. 89-90.

50 Il-Ġudikatura ta' Malta (2013) *Il-Ġudikatura tirreaġixxi għat-tieni rapport* http://www.judiciarymalta.gov.mt/newsdetails?id=93.

L-għoti ta' permessi ta' ppjanar, partikolarment għall-iżviluppaturi ta' proġetti fuq skala kbira wassal għal oġġeżżjoni u kontroversja. Fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2013, 53 % tal-Maltin li wieġbu jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa fost l-uffiċjali li joħorġu l-permessi għall-bini, l-ogħla perċentwal fost l-istituzzjonijiet pubbliċi ta' Malta.[51]

In-nuqqas ta' liġi dwar il-finanzjament tal-partiti jagħmel possibbli li d-donazzjonijiet jibqgħu mhux dikjarati, u dan jappoġġja perċezzjoni pubblika li l-permessi fuq skala kbira ma jingħatawx fuq kriterji oġġettivi.[52] Filwaqt li l-fatturi mhux relatati mal-korruzzjoni jistgħu wkoll ikunu involuti fl-iffurmar ta' perċezzjonijiet negattivi tal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), inkluża l-iskuntentizza meta l-permessi jiġu rifjutati f'konformità mal-politika stabbilita, sejbiet negattivi mill-awditur preċedenti tal-MEPA rigward ċerti deċiżjonijiet jidhru li jappoġġjaw il-perċezzjoni pubblika.[53]

Aktar milli tixħim dirett tal-uffiċjali tal-MEPA, l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni għandhom tendenza li jikkonsistu minn irregolaritajiet oħra fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.[54] L-ebda każ attwali ta' interferenza politika diretta jew pressjoni ma ġie ppruvat sa issa, għalkemm investigazzjoni tal-midja kkonfermata mill-awditur preċedenti tal-MEPA żvelat li l-Kummissjoni tal-Kontroll għall-Iżvilupp (DCC) tal-MEPA pproċessat għadd suspettużament kbir ta' każijiet fl-aħħar ġimgħa ta' qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2008 (tliet darbiet aktar milli fl-istess perjodu s-sena ta' qabel) u f'49 mill-430 każ id-DCC ħarġet permess għall-bini minkejja r-rakkomandazzjonijiet negattivi tal-uffiċjali tal-każ.

***Prattika tajba: riforma biex tindirizza l-vulnerabbiltà tal-korruzzjoni fl-ippjanar tal-ambjent u l-għoti ta' permessi ta' żvilupp***

*Wara t-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika ta' disa' xhur, ġie ppubblikat dokument li jipproponi r-riforma tal-MEPA.*[55] *Il-pjan kien imsejjes fuq erba' prinċipji ewlenin: il-konsistenza, l-effiċjenza, ir-responsabbiltà u l-infurzar. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Ambjent u l-Iżvilupp 2010, li fih dispożizzjonijiet dwar l-iżvelar tal-kunflitti ta' interessi mill-membri, il-persunal u l-konsulenti tal-MEPA. Nuqqas li jiġi żvelat interess jista' jirriżulta fit-tneħħija mill-kariga jew fix-xoljiment tal-kuntratt.*[56] *Bħala salvagwardja addizzjonali, il-proċedimenti u s-seduti ta' smigħ rilevanti jinstemgħu fil-pubbliku.*

51 L-Ewrobarometru Speċjali 397, 2013.

52 Fl-2010, stħarriġ dwar is-sensibilizzazzjoni pubblika kkummissjonata mill-MEPA żvelat li 63 % tal-Maltin jemmnu li l-għażla tal-perit magħmula mill-applikant stess għandha konnessjoni diretta fuq id-deċiżjonijiet tal-MEPA.

53 Il-każijiet kienu prinċipalment jinvolvu nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-għoti ta' permessi u t-twarrib tal-politika stabbilita. Fost dawk l-aktar magħrufa huma l-Permessi Irregolari ta' Supermarkits (żewġ każijiet li jinvolvu l-istess żviluppatur f'postijiet differenti) li wassal għar-riżenja en masse tal-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp tal-MEPA wara l-opinjoni negattiva tal-Awditur tal-MEPA; il-każ tal-Villa ta' Baħrija (l-2009) fejn l-Awditur tal-MEPA reġa' sab li d-DCC kienet injorat il-politiki u l-parir mill-korpi kostitwiti b'mod xieraq tal-MEPA.

54 Hemm biss każ wieħed, li għadu għaddej, fejn uffiċjal tal-MEPA allegatament talab tixħima bħala kumpens għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformità.

55 "Pjan għar-riforma tal-MEPA, id-9 ta' Lulju 2009. https://opm.gov.mt/file.aspx?f=1224.

56 Il-Kapitolu 504, l-Artikolu 16.

*Barra minn hekk, l-Att dwar l-Ombudsman ġie emendat biex jippermetti lill-Ombudsman jaħtar il-Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi li jitqiesu bħala Uffiċjali tal-Parlament. Inħatar Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar biex jinvestiga l-ilmenti relatati mal-MEPA u dan ħa post l-uffiċċju tal-Awditur tal-MEPA.*[57] *Din il-bidla strutturali hija sinifikanti billi l-Kummissarju għandu l-istess setgħat bħall-Ombudsman u jista', pereżempju, jirrikjedi l-produzzjoni ta' dokumenti u jtella' x-xhieda kif ukoll jirrappurta lill-Parlament fejn meħtieġ.*[58] *Għandu aktar riżorsi disponibbli u huwa dipendenti mill-MEPA. Meta tinvestiga każ, il-MEPA tkun infurmata u tingħata żmien raġonevoli biex tagħmel is-sottomissjonijiet. Ir-rapport annwali tal-Ombudsman se jinkludi taqsima dwar il-ħidma tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Kummissarju se jippubblika wkoll notamenti regolari dwar il-każ, simili għal dawk ippubblikati mill-Ombudsman, kif ukoll pubblikazzjonijiet ad hoc dwar prinċipji importanti.*[59]

*L-għadd ta' lmenti allegatament naqas mir-riforma tal-MEPA 'l hawn. Ir-riforma bdiet bl-indirizzar ta' dewmien twil fl-ipproċessar iżda saħħet ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għamlitu aktar trasparenti bl-aċċessibbiltà onlajn tal-fajls tal-MEPA.*[60] *Waħda mill-bidliet l-aktar importanti fil-liġi hija li l-partijiet terzi li joġġezzjonaw ingħataw aktar setgħa biex jisfidaw id-deċiżjonijiet. Aktar infurzar u l-possibbiltà li jiġu rtirati l-permessi żiedu d-deterrenza, filwaqt li applikazzjoni aktar stretta ta' politiki stabbiliti ġabet magħha aktar konsistenza fil-proċess tat-teħid tad-deċizjonijiet. It-Tribunal tal-Appelli l-ġdid huwa wkoll full-time u awtonomu mill-MEPA, filwaqt li s-sistema preċedenti tal-appelli kienet waħda ta' rikonsiderazzjoni mill-istess Bord.*

*Il-Bord tal-MEPA u l-Kummissjonijiet għall-Kontroll tal-Iżvilupp jieħdu deċiżjonijiet miftuħin lill-pubbliku. L-applikazzjonijiet huma ppubblikati f'reġistru, imqiegħda fil-post, imniżżla fil-midja, u huma disponibbli fil-kunsilli lokali. Id-deċiżjonijiet fuq kull applikazzjoni huma mniżżla dak il-ħin stess fil-websajt tal-MEPA.*[61]

F'Mejju 2013, il-gvern u l-MEPA nedew konsultazzjoni pubblika bl-isem *Semma' Leħnek* dwar kif tissimplifika s-sistema ta' ppjanar u l-proċeduri oħrajn fil-MEPA.[62] Il-proposti għal riforma tal-gvern jinkludu diviżjoni tal-mandati tal-ippjanar u ambjentali tal-MEPA f'żewġ aġenziji separati, li għadha ma seħħietx. F'Ottubru 2013, il-MEPA ddeċidiet li ttejjeb it-trasparenza bil-pubblikazzjoni tal-ismijiet ta' dawk li jissottomettew rappreżentazzjonijiet jew proposti għar-reviżjoni tal-pjanijiet lokali.

## 3. IL-PASSI GĦALL-ĠEJJIENI

Il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-korruzzjoni huma prijorità f'Malta, u dawn iwasslu għal riformi li jimmiraw għal trasparenza akbar. Madankollu, il-finanzjament tal-partiti politiċi jibqa' fil-parti kbira tiegħu mhux regolat. Jeħtieġ li l-koordinazzjoni titjieb fost l-istituzzjonijiet li jinvestigaw il-korruzzjoni biex ikun żgurat approċċ simplifikat u ġbir effettiv tal-evidenza. L-isforzi kontinwi huma wkoll meħtieġa biex itejbu t-trasparenza tal-ħatriet ġudizzjarji u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ippjanar tal-ambjent.

Il-punti li ġejjin jeħtieġu aktar attenzjoni:

- L-introduzzjoni tal-obbligi ta' żvelar u l-limiti fuq id-**donazzjonijiet politiċi**, il-projbizzjoni fuq id-donazzjonijiet anonimi li jaqbżu l-limitu raġonevoli, il-pubblikazzjoni

57 Ir-Regola 20(1) tar-Regoli dwar il-Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi (Funzjonijiet), 2012.
58 Ara wkoll l-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman.
59 Ibid.
60 http://www.mepa.org.mt/permitting.
61 http://www.mepa.org.mt/topics-planning
62 L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, Semma' Leħnek http://www.mepa.org.mt/semma-lehnek.

tal-kontijiet tal-partiti awditjati b'mod indipendenti, u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni Elettorali tal-konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza.

- Id-definizzjoni ta' proċeduri standard ċari u regoli dwar it-tqassim tal-każijiet ta' korruzzjoni allegata fost **l-istituzzjoni kompetenti kontra l-korruzzjoni**. It-titjib tal-**koordinazzjoni** fost dawn l-istituzzjonijiet biex ikun ottimizzat il-ġbir tal-evidenza. Il-prijoritizzazzjoni tal-**investigazzjoni u l-prosekuzzjoni** effettivi tal-korruzzjoni, u jekk tinżamm il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC), it-twessigħ tal-mandat tagħha u l-għoti ta' setgħa li taħtar l-ispeċjalisti tagħha b'mod indipendenti.
- It-tisħiħ fl-**abbiltà tal-ġudikatura fil-ġestjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni** bir-reviżjoni tal-**proċedura tal-ħatra tal-imħallfin** biex tkun żgurata għażla trasparenti u msejsa fuq il-merti, u l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li jiskopru ksur tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikatura.
- Riformi li għadhom għadejjin fl-**Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar** (MEPA) biex tibni l-fiduċja pubblika fl-integrità u l-imparzjalità tagħha.